**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0401/2023**

5.12.2023

# RAPPORT

dwar l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-influwenza taċ-Ċina fuq l-infrastruttura kritika fl-Unjoni Ewropea
(2023/2072(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Klemen Grošelj



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................ 3

NOTA SPJEGATTIVA ................................................................................................ 16

ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ................................................................................. 17

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL KUMMERĊ INTERNAZZJONALI .......................... 18

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 25

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 26

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-influwenza taċ-Ċina fuq l-infrastruttura kritika fl-Unjoni Ewropea**
**(2023/2072(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu 2, it-Taqsima 2, tiegħu rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni,

– wara li kkunsidra l-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża – Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali", approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 u mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles adottata fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-11 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummisjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN(2023)0020),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi)[3];

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2)[4],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2022 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-

---

[1] ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1.
[2] ĠU L 79I , 21.3.2019, p. 1.
[3] ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.
[4] ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80.

ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 (COM(2022)0454),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1781 tat-13 ta' Settembru 2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikonduttturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/XXXX ta' [data] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika (l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika)[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/XXXX ta' [data] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida (2021/2037 (INI))[8], li fost l-oħrajn għandha l-għan li ssaħħaħ is- "sett ta' għodod kummerċjali" tal-UE biex tgħin timmitiga l-iżbilanċ attwali fir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bilaterali bejn iċ-Ċina u l-UE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022[9] u tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni[10],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tal-1 ta' Diċembru 2021 intitolata "Il-Portal Globali" (Global Gateway) (JOIN(2021)0030),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar oqsma teknoloġiċi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri (C(2023)6689),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika[11],

[5] ĠU L 229, 18.9.2023, p. 1.
[6] Proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (COM(2023)0160).
[7] Proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (COM(2021)0775).
[8] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.
[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0219.
[10] Testi adottati, P9_TA(2023)0219.
[11] ĠU C 20, 20.1.2023, p. 1.

– wara li kkunsidra l-Komunikat tas-Summit ta' Vilnius, maħruġ mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tan-NATO li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Vilnius fil-11 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Valutazzjoni Finali tat-Task Force NATO-UE tad-29 ta' Ġunju 2023 dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Kooperazzjoni UE-NATO tal-10 ta' Jannar 2023,

– wara li kkunsidra l-Komunikat tal-mexxejja tal-G7 f'Hiroshima tal-20 ta' Mejju 2023,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0401/2023),

A. billi l-komunikazzjoni konġunta reċenti dwar strateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika tiffoka fuq il-minimizzazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw minn ċerti flussi ekonomiċi u d-dipendenza tal-UE fuq reġimi awtoritarji u totalitarji bħar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) fil-kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi akbar u l-aċċellerazzjoni tal-bidliet teknoloġiċi, filwaqt li tipproteġi l-prinċipji tas-suq ħieles mid-distorsjoni minn reġimi bħal dawn u, b'hekk, tippreserva l-ftuħ u d-dinamiżmu ekonomiċi massimi;

B. billi t-tfixkil fl-infrastruttura kritika jista' jkollu konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-funzjonijiet vitali tal-gvern, is-servizzi essenzjali għall-popolazzjoni, l-attività ekonomika kif ukoll is-sigurtà u d-difiża tal-UE; billi huwa kruċjali li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu viġilanti fir-rigward tal-investimenti finanzjarji li qed isiru minn pajjiżi barranin fl-operat ta' entitajiet kritiċi fl-UE u l-konsegwenzi li tali investimenti jista' jkollhom fuq il-kapaċità li jipprevjenu tfixkil sinifikanti;

C. billi d-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi[12] u d-Direttiva NIS 2[13] jipprevedu qafas ġuridiku komprensiv biex tissaħħaħ ir-reżiljenza fiżika u diġitali tal-infrastrutturi kritiċi, inklużi dawk relatati mal-enerġija, mat-trasport, mas-saħħa, mal-infrastrutturi diġitali, mal-ilma u mal-ikel;

D. billi, minn mindu nħarġet ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022, diġà saru azzjonijiet immirati biex tiġi żgurata risposta komuni tal-UE għall-inċidenti, anki billi jissaħħaħ il-koordinament man-NATO permezz tat-Task Force UE-NATO

[12] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE, ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.
[13] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80.

dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika fil-qafas tad-Djalogu Strutturat UE-NATO dwar ir-Reżiljenza;

E. billi l-portijiet Ewropej li fihom l-intrapriżi statali Ċiniżi għandhom ishma jimmaniġġjaw aktar minn 10 % tal-kapaċità totali tal-kontejners marittimi tal-Ewropa; billi l-akbar tliet azzjonisti Ċiniżi fil-portijiet Ewropej għandhom assi fi kważi nofs il-portijiet (14-il port minn total ta' 29 port) li jinsabu qrib il-bażijiet navali jew jipprovdu appoġġ loġistiku lill-forzi tan-NATO, u dan iżid ħafna r-riskju ta' spjunaġġ;

F. billi l-politiki koerċittivi u l-assertività dejjem akbar tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ), inkluża l-pożizzjoni dejjem aktar aggressiva tagħha fil-konfront tat-Tajwan u l-pożizzjoni aggressiva li ħadet fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, kif ukoll il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kixfu l-vulnerabbiltajiet tal-UE u affermaw mill-ġdid il-bżonn ta' "tnaqqis tar-riskji" fir-relazzjoniijiet tagħha mar-RPĊ u ma' pajjiżi terzi mhux demokratiċi oħra;

G. billi l-gvern Ċiniż wera li huwa lest li jistrumentalizza l-kontroll enormi tiegħu tal-provvisti globali ta' materjali tal-art rari ħal finijiet politiċi u li jikseb konċessjonijiet u vantaġġi ekonomiċi inġusti;

H. billi ċ-Ċina qed iżżomm lill-kumpaniji mhux Ċiniżi milli jipparteċipaw fi proġetti infrastrutturali minħabba r-riskji għas-sigurtà u qed tressaq leġiżlazzjoni fir-rigward tal-infrastruttura kritika, bħar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Sigurtà tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni; billi ċ-Ċina hija involuta fil-bini ta' infrastruttura ffinanzjata mill-UE f'diversi Stati Membri tal-UE; billi skont l-impenji internazzjonali, huwa possibbli għall-UE u għall-Istati Membri li jadottaw miżuri restrittivi relatati mal-investiment dirett barrani (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, soġġett għal ċerti rekwiżiti; billi bejn l-2021 u l-2022, iċ-Ċina impenjat ruħha f'imblokk ekonomiku kontra l-Litwanja b'reazzjoni għad-deċiżjoni tal-Litwanja li tirtira mill-Inizjattiva "Belt and Road" u li tiftaħ Uffiċċju Rappreżentattiv Tajwaniż fil-Litwanja, li rriżulta fit-talba tal-Kummissjoni li tistabbilixxi bord fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex jeżamina l-legalità tar-restrizzjonijiet kummerċjali taċ-Ċina kontra l-esportazzjonijiet Litwani u tal-UE li fihom kontenut Litwan, u billi dan juri l-assertività taċ-Ċina li timmira pajjiżi speċifiċi tal-UE, mhux biss permezz ta' koerċizzjoni ekonomika diretta, iżda wkoll permezz tat-theddida ta' sanzjonijiet sekondarji;

I. billi t-tixrid tal-awtoritarjaniżmu diġitali taċ-Ċina u s-sorveljanza tal-massa qed ikompli jintensifika kemm fiċ-Ċina kif ukoll lil hinn minnha, filwaqt li jimmira lejn l-istituzzjonijiet u s-soċjetajiet demokratiċi, u jirriskja li jistabbilixxi ordni internazzjonali ġdid li jipperikola l-libertà u d-demokrazija madwar id-dinja; billi għadd kbir ta' studenti Ċiniżi jistudjaw fl-universitajiet tal-Istati Membri, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġiji b'użu doppju, li potenzjalment iwassal f'xi każijiet għal riskju għoli ta' spjunaġġ; billi l-eks piloti tal-ġlied Ewropej ġew impjegati mill-armata Ċiniża u dan ir-reklutaġġ joħloq riskju serju ta' trasferiment ta' informazzjoni kritika li tpoġġi f'riskju l-interessi militari-strateġiċi tal-pajjiżi kkonċernati li jinsabu f'riskju; billi l-ambizzjonijiet Ċiniżi qed jikbru f'oqsma strateġiċi bħall-IA, il-cloud computing, is-semikondutturi, jew l-hardware; billi dawn l-istrumenti, b'mod partikolari l-IA, jistgħu

jiġu żviluppati għal skopijiet militari, u dan jixpruna r-rivoluzzjoni li jmiss fl-affarijiet militari;

J. billi l-akkwist ta' infrastruttura kritika taċ-Ċina, b'mod partikolari fi ħdan l-UE u l-viċinat tagħha, inkluż fil-Balkani tal-Punent u l-Afrika, jirrappreżenta riskju multidimensjonali dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE;

K. billi l-leġiżlazzjoni taċ-Ċina relatata mas-sigurtà nazzjonali, bħal-Liġi tal-2015 dwar is-Sigurtà Nazzjonali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, tirrikjedi li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet jipprovdu appoġġ u assistenza lill-korpi tas-sigurtà pubblika, tas-sigurtà tal-istat jew militari tar-RPĊ;

L. billi s-sħubija strateġika bejn iċ-Ċina u r-Russja fformalizzata permezz tad-Dikjarazzjoni Konġunta "dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali deħlin f'era ġdida u l-iżvilupp sostenibbli globali" tal-4 ta' Frar 2022 qed tkompli tikber, inkluż fl-oqsma tat-teknoloġija u l-għarfien espert militari u t-trasferimenti tal-kapaċitajiet, li qed joħolqu theddida dejjem akbar għas-sigurtà Ewropea;

*Il-qalba tal-problema: nifhmu l-istrateġija ta' fużjoni militari-ċivili taċ-Ċina*

1. Jissottolinja li l-istrateġija ta' fużjoni militari-ċivili (MCF) taċ-Ċina hija programm immexxi mill-Istat li għandu l-pjan li jistrumentalizza l-lievi kollha tas-setgħa statali u kummerċjali biex jissaħħaħ u jiġi appoġġat il-Partit Komunista Ċiniż (CCP) u l-fergħa tal-armata tiegħu, l-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu (PLA), b'mod partikolari billi jinkisbu u jiġu ddevjati t-teknoloġiji l-aktar avvanzati tad-dinja, bl-objettiv li jissaħħaħ ir-reġim totalitarju u tinkiseb dominanza militari;

2. Iqis li s-sistema politika u l-ekonomija taċ-Ċina, immexxija minn partit, spiss jeħtieġu lill-kumpaniji privati jallinjaw l-interessi kummerċjali tagħhom mal-Partit Komunista Ċiniż, inklużi l-attivitajiet militari, ta' repressjoni, ta' influwenza u ta' ndħil politiku tal-Partit; jinnota li ċ-ċelloli tal-partit tas-Partit Komunista Ċiniż f'kumpaniji privati jintużaw b'mod komuni bħala għodod ta' kontroll dirett tal-partit; jenfasizza li, konsegwentement, l-attivitajiet internazzjonali tal-kumpaniji Ċiniżi jappoġġjaw l-għanijiet tal-Partit Komunista Ċiniż li jespandi l-influwenza tiegħu f'pajjiżi terzi, u b'hekk jimminaw ir-rivali ġeopolitiċi u jżidu l-influwenza taċ-Ċina;

3. Jemmen li l-fużjoni militari-ċivili trid tinftiehem f'kuntest ġeopolitiku, ekonomiku u strateġiku akbar, filwaqt li jitqiesu l-interkonnessjonijiet tagħha ma' inizjattivi oħra, bħall-Inizjattiva "Belt and Road", l-inizjattiva Digital Silk Road (inklużi Made in China 2025, China Standards 2035), l-Inizjattiva tas-Sigurtà Globali, l-istrateġija taċ-Ċirkolazzjoni Doppja) u l-assertività u l-pożizzjonament aggressiv dejjem jikbru taċ-Ċina barra mill-pajjiż; jemmen li l-għan aħħari tal-fużjoni militari-ċivili huwa li tavvanza l-għan strateġiku fit-tul tal-istat partit li jsir il-poter ewlieni tad-dinja f'termini ta' influwenza politika, kapaċitajiet ekonomiċi, dominanza teknoloġika u militari, u li timmina l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

4. Ifakkar li l-kisba tal-primat fix-xjenza u t-teknoloġija kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Partit Komunista Ċiniż f'dawn l-aħħar snin u li l-istrateġija tal-fużjoni militari-ċivili tal-Partit Komunista Ċiniż tinċentiva l-kondiviżjoni tar-riżultati tar-

riċerka u l-iżvilupp bejn l-industriji tad-difiża orjentati lejn is-suq u dawk Ċiniżi; jisħaq fuq it-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika ta' entitajiet minn pajjiżi terzi fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna madwar l-UE; jinsab imħasseb, f'dan ir-rigward, dwar il-pressjoni politika asserita fl-approvazzjoni ta' investimenti Ċiniżi speċifiċi fl-infrastruttura kritika, bħal fil-każ tad-deċiżjoni tal-gvern Ġermaniż li jaqbel mal-akkwist ta' sehem fil-port ta' Hamburg mill-COSCO, għall-kuntrarju tal-parir tal-istituzzjonijiet kompetenti;

*Konsegwenzi tal-istrateġija ta' fużjoni ċivili-militari tar-RPĊ*

5. Iwissi bir-riskju li l-kumpaniji Ċiniżi jkunu involuti b'xi mod jew ieħor fl-assi strateġiċi tal-UE, b'mod partikolari dawk b'rabtiet diretti jew indiretti mas-sistemi politiċi-militari jew tal-intelligence taċ-Ċina; jissottolinja, f'dan ir-rigward, it-tħassib tiegħu li t-teknoloġija u l-għarfien espert teknoloġiku, użat fl-attivitajiet ċivili, b'mod partikolari fl-isfera ekonomika, għadhom qed jiġu trasferiti lill-forzi militari Ċiniżi, u b'hekk tiżdied il-kapaċità tal-Armata Popolari ta' Liberazzjoni li tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġija militari, li tkun tista' tintuża għal skopijiet koerċittivi fuq is-sħab fl-Asja u fid-dinja kollha; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jżidu s-sorveljanza regolatorja u jintroduċu kontrolli speċifiċi tal-isfond fuq individwi u entitajiet ġuridiċi b'rabtiet diretti mal-gvern Ċiniż;

6. Jinsab imħasseb li 98 % tad-domanda tal-UE għall-materjali tal-art rari qed tiġi ssodisfata mir-RPĊ; jenfasizza li ċ-Ċina tipproduċi 70 % tal-batteriji fuq livell dinji (hekk kif tospita tlieta mill-ħames ġganti ewlenin tal-produzjoni ta' batteriji), tirrappreżenta 60 % tal-produzzjoni dinjija ta' aluminju u 75 % tal-produzzjoni ta' siliċju, kif ukoll 94 % tal-produzzjoni globali tal-gallju u madwar 60% tal-produzzjoni tal-ġermanju, u hija r-raffinatur mexxej ta' 60 % tal-litju u ta' 70 % tal-ipproċessar tar-ram u tipproduċi 84 % tan-nikil f'livell dinji, kif ukoll 85 % tal-kobalt; jissottolinja li l-kumpaniji minerarji Ċiniżi huma attivi fis-Serbja (ram u deheb), fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (kobalt), fl-Indoneżja (nikil), fiċ-Ċilì u fl-Awstralja (litju) u li l-kważi monopolju taċ-Ċina fil-produzzjoni u fl-ipproċessar ta' din il-materja prima kritika joħloq dipendenzi kruċjali u b'hekk jirrappreżenta mhux biss sfida ġeopolitika qawwija għall-UE, iżda wkoll riskju enormi għad-difiża u għal setturi industrijali ewlenin oħra tal-Ewropa kif ukoll għall-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u l-istrateġija tas-sigurtà ekonomika Ewropea;

7. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għall-Att dwar il-Materja Prima Kritika u jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-għanijiet tiegħu sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-UE; ifakkar li l-materja prima kritika hija essenzjali għas-settur tas-sigurtà u d-difiża kif ukoll għas-suċċess tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'koordinament mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, jimplimentaw id-deċiżjoni li gradwalment inaqqsu d-dipendenza fuq iċ-Ċina billi jiddiversifikaw is-sorsi ta' minerali mhux maħduma kritiċi u elementi tal-materjali tal-art rari, jistabbilixxu sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi terzi affidabbli bl-għan li tiġi żgurata provvista sigura u affidabbli ta' materja prima kritika; iħeġġeġ lill-UE tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' proġetti li se jimmiraw għal indipendenza akbar mill-produzzjoni Ċiniża;

8. Jirrakkomanda bil-qawwa d-diversifikazzjoni tal-fornituri u s-sħab f'inizjattivi ta' infrastruttura kritika biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-influwenzi esterni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dipendenza fuq kwalunkwe sors uniku tiġi minimizzata;

9. Jinsab imħasseb li kejbils sottomarini privati pprovduti minn kumpaniji Ċiniżi, bħal HMN Technologies, entità affiljata mal-intelligence ċibernetika tal-Armata Popolari ta' Liberazzjoni, jintużaw biex jappoġġjaw il-komunikazzjonijiet diplomatiċi u militari tal-UE u tal-Istati Membri; jesprimi tħassib kbir għas-sistemi tal-kejbils ta' data sottomarini operati mill-kumpanija Ċiniża HMN Technologies, li jikkollegaw it-territorji tal-Istati Membri tal-UE u r-reġjun Indo-Paċifiku, inklużi l-bażijiet militari tal-Istati Membri u tan-NATO fir-reġjun, b'hekk jinħolqu vulnerabbiltajiet fil-qasam tas-sigurtà f'dak li għandu x'jaqsam iċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza sottomarina, il-ġbir ta' data u l-ġbir ta' intelligence; f'dan ir-rigward, huwa mħasseb ukoll dwar il-bejgħ ta' kumpanija Netherlandiża, is-sinsla tal-infrastruttura tal-internet fl-Estonja, lil kumpanija Ċiniża marbuta mal-Armata Popolari ta' Liberazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' sforz konġunt fost l-Istati Membri biex jiġu evitati każijiet simili;

10. Ifakkar fil-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni bir-reqqa tal-infrastruttura u s-servizzi tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-komunikazzjonijiet klassifikati bejn l-istituzzjonijiet u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet barra mill-pajjiż; ifakkar li l-katina tal-provvista sħiħa għandha titqies biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jkollhom l-ebda rabta diretta jew indiretta mar-RPĊ; jappella għal dispożizzjonijiet speċifiċi fil-proċeduri ta' akkwist tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġi limitat ir-riskju ta' interferenza, inkluż l-akkwist, il-manutenzjoni jew l-iskrutinju minn parti terza;

11. Iwissi li investimenti kbar fil-portijiet marittimi, il-ferroviji u l-ajruporti jagħtu lil Beijing l-opportunità li tissorvelja u tikkontrolla l-attivitajiet f'nodi loġistiċi ewlenin b'dimensjoni strateġika fundamentali;

12. Jenfasizza l-fatt li, fl-2022, iċ-Ċina kienet it-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE f'termini ta' merkanzija; jesprimi tħassib dwar ir-relazzjoni dejjem aktar żbilanċjata bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment, li hija aċċentwata mid-defiċit kummerċjali rekord tal-UE ta' EUR 396 biljun fl-2022 u d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet u l-investimenti Ċiniżi f'ċerti setturi kritiċi; jenfasizza l-politika kummerċjali internazzjonali żbilanċjata taċ-Ċina fil-kuntest tal-istrateġija ta' ċirkolazzjoni doppja tagħha; jitlob lill-Kummissjoni tqajjem it-tħassib tal-UE maċ-Ċina dwar il-prattiki kummerċjali ġestiti tagħha;

***Tiftix ta' risposti: inkabbru s-sett ta' għodod biex nirreaġixxu għat-tħassib fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża***

13. Jargumenta li qasam ewlieni tal-infrastruttura kritika tal-UE huwa n-network tagħha ta' istituti ta' riċerka u faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom rwol importanti fil-kapaċità tal-UE li twettaq l-impenji tagħha fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha, flimkien ma' setturi ewlenin bħad-difiża spazjali; ifakkar fil-vulnerabbiltajiet fil-qasam tas-sigurtà marbuta mat-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, is-serq tal-proprjetà intellettwali u l-iżvelar tal-għarfien, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha; jitlob li jkun hemm aktar viġilanza meta jitqies theddid bħal dan għall-kapaċità

tal-UE li tkun innovattiva u li trawwem it-tkabbir;

14. Jinnota li l-kumpaniji Ċiniżi diġà huma mexxejja f'teknoloġiji ewlenin użati f'setturi bħall-infrastruttura bla fili tal-5G, id-droni, il-batteriji, il-missili ipersoniċi, l-enerġija solari u mir-riħ, kif ukoll il-kriptovaluti; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-użi ta' dawn it-teknoloġiji u d-dipendenzi li joħolqu; jinnota, f'dan ir-rigward, li 100 % tar-RAN 5G f'Ċipru huwa magħmul minn tagħmir Ċiniż, u 59 % fil-każ tal-Ġermanja; jisħaq li dan imur kontra l-linji gwida tas-"Sett ta' Għodod għas-Sigurtà tal-5G" tal-UE biex jittaffew ir-riskji għas-sigurtà fin-networks u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jeskludu l-użu ta' tagħmir u software minn manifatturi bbażati fir-RPĊ f'funzjonijiet tan-network ewlieni; ifakkar li l-kumpanija Huawei kienet qed tipparteċipa fi 11-il proġett fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa sa Ġunju 2023, u b'hekk irċeviet finanzjament totali ta' EUR 3,89 miljun; għalhekk, iħeġġeġ lill-UE u lill-istituzzjonijiet Ewropej iwettqu skrinjar sistematiku tal-kumpaniji Ċiniżi li jibbenefika direttament jew indirettament minn programmi Ewropej ta' importanza strateġika għall-UE u, fejn meħtieġ, itemmu l-parteċipazzjoni tagħhom; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi standards ta' sigurtà addizzjonali għall-fornituri Ċiniżi tal-5G u n-network 6G tal-ġenerazzjoni li jmiss;

15. Iqis li l-applikazzjoni TikTok, proprjetà tal-konglomerat Ċiniż ByteDance, tikser il-qafas Ewropew għall-privatezza tad-data, u dan jagħmilha riskju potenzjali u sors ta' diżinformazzjoni sostnut miċ-Ċina; jilqa' d-deċiżjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-istituzzjonijiet f'diversi Stati Membri tal-UE li jissospendu l-użu tal-applikazzjoni TikTok fuq apparati korporattivi, kif ukoll apparati personali rreġistrati fis-servizzi tal-apparat mobbli tal-istituzzjonijiet;

16. Iwissi li d-deterjorament tal-klima ta' sigurtà fl-Ewropa, fil-viċinat tagħha u fid-dinja kollha jirrikjedi riflessjoni urġenti fuq il-mod kif tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE u tonqos id-dipendenza tagħha minn pajjiżi bħar-RPĊ u rivali sistemiċi li huma theddida għas-sigurtà tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi evitat li t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kruċjali b'użu doppju, b'mod partikolari dawk li huma kritiċi għas-sigurtà u d-difiża tal-UE, jiġu trasferiti lejn destinazzjonijiet li jqajmu tħassib, li jwettqu strateġiji ta' fużjoni militari-ċivili jew jikkollaboraw ma' dawn l-istrateġiji; iqis li l-istabbiliment ta' sistemi elettroniċi ta' liċenzjar doganali u tal-esportazzjoni fl-UE kollha huwa pass kritiku lejn kontrolli tal-esportazzjoni komuni Ewropej effettivi u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu dawn is-sistemi operattivi sa tmiem l-2024; jistieden, barra minn hekk, lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni mas-sħab transatlantiċi u sħab oħra tal-istess fehma fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, u jiddefendu d-demokrazija u jippreservaw il-valuri, is-sigurtà u l-prosperità kondiviżi tagħna;

17. Jibqa' mħasseb bil-fatt li l-infrastruttura kritika Ewropea, min-networks tat-telekomunikazzjoni għall-faċilitajiet tal-portijiet, hija dejjem aktar vulnerabbli għall-influwenzi esterni; ifaħħar, f'dan ir-rigward, il-miżuri leġiżlattivi reċenti maħsuba biex iqawwu r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fl-UE; jinnota bi tħassib, madankollu, li inizjattivi bħal dawn huma fil-biċċa l-kbira limitati għall-proċeduri ta' skrinjar tal-IDB, u jħallu mezzi oħra miftuħa għall-Partit Komunista Ċiniż biex jikseb aċċess għal assi kritiċi u jeżerċita l-influwenza tiegħu fuqhom, inkluż permezz tal-qbid mill-elit, it-trasferimenti tat-teknoloġija u tal-proprjetà intellettwali, kif ukoll id-dipendenzi fuq il-

katina tal-provvista u s-suq tal-bejgħ; jinnota li l-istabbiliment ta' qafas bir-reqqa għall-valutazzjoni u l-immappjar tar-riskju huwa imperattiv biex jiġu identifikati l-assi tal-infrastruttura kritika u s-suxxettibbiltajiet tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li jiġi mmappjat, traċċat u vvalutat l-aċċess taċ-Ċina u ta' pajjiżi terzi oħra għall-infrastruttura kritika fl-UE u li wieħed jipproċedi b'mod konġunt b'miżuri ta' mitigazzjoni fejn meħtieġ; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Istati Membri, tiġbor inventarju eżawrjenti tal-assi kritiċi u tevalwa b'mod sistematiku l-vulnerabbiltà tagħhom għal influwenzi esterni; u għalhekk jitlob l-espansjoni tal-inizjattivi leġiżlattivi biex jiġu indirizzati tali riskji;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament, qabel tmiem din il-leġiżlatura, analiżi dettaljata tar-riskji kummerċjali marbuta ma' teknoloġiji bħas-semikondutturi, il-computing kwantistiku, il-blockchains, l-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali u l-bijoteknoloġiji u l-ħtieġa possibbli għal azzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma;

19. Ifakkar li r-Regolament dwar l-iskrinjar tal-IDB[14] jindirizza r-riskji għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku li jirriżultaw mill-investimenti li jkunu ġejjin minn barra l-UE; itenni l-valur miżjud ewlieni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar bħala għodda pertinenti li tagħti lill-UE u lill-Istati Membri ħarsa ġenerali strateġika aħjar u għarfien aqwa tas-sitwazzjoni tax-xejriet, il-miri, il-mezzi u l-metodi użati minn atturi barranin biex iżidu l-influwenza ekonomika u politika tagħhom; jappella biex l-istrumenti attwali li jindirizzaw l-IDB u s-sussidji barranin jiġu estiżi biex jinkludu proċeduri ġeneralizzati ta' skrinjar għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti fi proġetti ta' infrastruttura kritika tal-UE li jinkludu l-modi kollha ta' parteċipazzjoni fi sforzi ta' infrastruttura kritika, inklużi impriżi kollaborattivi, sħubijiet u trasferimenti tat-teknoloġija; jissottolinja wkoll li l-evalwazzjonijiet ta' rutina ta' proġetti ta' infrastruttura kritika li jinvolvu partijiet ikkonċernati mhux tal-UE huma essenzjali u jemmen li dan il-proċess għandu jinkludi l-iskrutinju tal-istrutturi tas-sjieda, id-dipendenzi fi ħdan il-ktajjen tal-provvista, u t-trasferiment tat-teknoloġija assoċjata ma' dawn il-proġetti; iqis ukoll li huwa neċessarju li jiġu stabbiliti standards ta' diliġenza dovuta biex jiġi identifikat l-ingranaġġ taċ-Ċina fuq l-investituri fl-infrastruttura kritika tal-UE, u jenfasizza li dan l-approċċ għandu japplika b'mod ugwali għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali; jisħaq li l-Istati Membri, fl-aħħar mill-aħħar, huma responsabbli mill-protezzjoni tal-infrastrutturi, iżda ma implimentawx b'mod sistematiku l-linji gwida attwali fil-qasam tal-IDB; jinsab imħasseb ħafna, f'dan ir-rigward, li mhux l-Istati Membri kollha għandhom fis-seħħ jew jużaw mekkaniżmi għall-iskrinjar tal-investiment barrani fl-infrastruttura kritika; jistieden b'mod urġenti lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod konsistenti l-leġiżlazzjoni attwali relatata mal-IDB u dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi;

20. Jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, dwar in-nuqqas ta' skrinjar adegwat tar-riskji ta' interferenza fl-akkwist pubbliku relatat mat-tagħmir tas-sigurtà, bħall-każ tal-kuntratt iffirmat mill-ajruport ta' Strażburgu għall-installazzjoni ta' skanners tas-sigurtà tal-ajruport u kanċelli fornuti mis-sussidjarja Ewropea tal-kumpanija Ċiniża Nuctech, parzjalment proprjetà tal-gvern Ċiniż u marbuta bil-politika tal- "Front Magħqud"; iwissi li kwalunkwe teknoloġija bħal din tista' tinkorpora lakuni ta' sigurtà intrinsiċi

[14] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, OJ L 79 I, 21.3.2019, p. 1.

jew tiġi aċċessata matul il-manutenzjoni tagħha; min-naħa l-oħra, jilqa' d-deċiżjoni tal-gvern Rumen li jtemm in-negozjati mal-Korporazzjoni China General Nuclear Power, CGNPC, dwar il-kostruzzjoni ta' reatturi nukleari 3 u 4 f'Cernavoda;

21. Jisħaq, madankollu, li jrid jinstab bilanċ strateġiku bejn, minn naħa waħda, il-karattru miftuħ tas-suq uniku tal-UE u l-attraenza tiegħu għall-investiment, u, min-naħa l-oħra, id-difiża tal-infrastruttura kritika u l-awtonomija tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà, speċjalment fir-rigward tal-koerċizzjoni ekonomika jew it-theddid għall-integrità tal-infrastruttura kritika tal-UE;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi kif iżżid l-impatt tal-opinjonijiet tagħha dwar l-iskrinjar tal-IDB, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq uniku u ġirja lejn l-aktar livell baxx fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jżidu l-armonizzazzjoni, inkluż billi jibnu għarfien espert xieraq, u biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-Regolament ta' skrinjar tal-IDB; jemmen li hemm lok u ħtieġa li r-Regolament jissaħħaħ fir-riżami li jmiss tiegħu fi tmiem is-sena; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ambizzjuża dwar regolament rivedut li tindirizza l-lakuni kollha li ħarġu matul l-implimentazzjoni tiegħu, u tevalwa malajr il-possibbiltà ta' proposta leġiżlattiva dwar mekkaniżmu ta' skrinjar għall-investimenti 'il barra; jirrakkomanda l-bini ta' mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investiment 'il barra propost fuq valutazzjoni tal-impatt li tinkludi konsultazzjoni xierqa man-negozji biex tiġi minimizzata kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea;

23. Jilqa' l-approċċ il-ġdid ta' "tnaqqis tar-riskji" fl-istrateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika proposta tal-20 ta' Ġunju 2023, li għandha l-għan li timmassimizza l-benefiċċji tal-ftuħ ekonomiku tal-UE u li tipproteġi, tippromwovi u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, filwaqt li timminimizza r-riskji li jirriżultaw mid-dipendenzi ekonomiċi u l-istrumentalizzazzjoni possibbli tagħhom, inklużi investimenti u kollaborazzjoni f'riċerka f'teknoloġiji abilitanti ewlenin b'applikazzjonijiet militari, fost l-oħrajn, f'oqsma bħall-computing kwantistiku, semikondutturi avvanzati u l-intelliġenza artifiċjali; jitlob l-adozzjoni rapida tal-proposti tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-qafas regolatorju estiż tal-UE biex jeskludu entitajiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-fużjoni militari-ċivili u jsibu alternattivi għal proġetti ffinanzjati miċ-Ċina fl-UE permezz tal-iżvilupp ta' approċċ komprensiv għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni komuni tar-riskji għas-sigurtà ekonomika Ewropea;

24. Jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-proposta tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni biex jiġi evitat il-ħrib ta' teknoloġiji emerġenti sensittivi billi titfassal lista ta' teknoloġiji b'użu doppju bbażata fuq kriterji definiti b'mod ristrett u li jħarsu 'l quddiem bħan-natura abilitanti u trasformattiva ta' teknoloġija, ir-riskju ta' fużjoni ċivili-militari u r-riskju tal-użu ħażin tat-teknoloġija għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw u jimplimentaw mill-aktar fis possibbli l-miżuri ta' protezzjoni rilevanti għal dawn it-teknoloġiji b'użu doppju;

25. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, tfassal mekkaniżmu ta' rispons rapidu għall-identifikazzjoni tal-użu doppju, jew l-użu ħażin, ta' infrastrutturi fl-UE taħt is-sjieda, il-parteċipazzjoni jew il-konċessjoni Ċiniża,

li jistgħu jintużaw biex jintemmu d-drittijiet ta' konċessjoni u/jew tiġi sospiża l-kapaċità tad-dominju fil-każijiet ta' sjieda u parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament kull sena dwar:

(a) l-identifikazzjoni tal-użu doppju possibbli ta' infrastrutturi strateġiċi li jipprovdu appoġġ loġistiku u ta' intelligence liċ-Ċina;

(b) ir-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni kummerċjali tal-UE, speċjalment fir-rigward tad-diliġenza dovuta, il-ġlieda kontra l-koerċizzjoni u l-oġġetti magħmula b'xogħol furzat li jidħlu fis-suq tal-UE;

26. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, li se jżid il-kapaċità tal-UE li tipproduċi semikondutturi u se joħloq mappa strateġika, fost l-oħrajn, tan-nuqqasijiet ta' kapaċità fil-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-UE, u b'hekk jillimita d-dipendenza tal-UE minn pajjiżi terzi bħaċ-Ċina; jappella għal aktar proposti maħsuba biex jassiguraw il-katini tal-produzzjoni u tal-provvista tal-infrastruttura kritika u tal-materjali kritiċi fi ħdan l-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi addizzjonali mmirati biex jippermettu koordinament u kollaborazzjoni aktar mill-qrib ma' sħab u alleati tal-istess fehma, u jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar, fejn possibbli u f'konformità mal-għan tal-UE li tnaqqas aktar dipendenzi, kapaċitajiet ta' produzzjoni globali u ktajjen tal-provvista fl-infrastruttura u l-materjali kritiċi li huma kruċjali għas-sigurtà u d-difiża tal-UE; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għat-Tajwan, li għandu rwol sinifikanti fil-ktajjen tal-provvista globali u fl-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; itenni l-appoġġ fit-tul tiegħu għall-Ftehim Bilaterali ta' Investiment bejn l-UE u t-Tajwan u kwalunkwe arranġament ta' benefiċċju reċiproku għall-kummerċ u l-investiment bilaterali;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas leġiżlattiv ġdid biex jittaffew ir-riskji għas-sigurtà li ġejjin mill-fornituri tas-sistemi tal-kejbils sottomarini, inkluż permezz ta' monitoraġġ aktar strett u rieżami frekwenti tal-istrutturi ta' sjieda ta' tali fornituri, l-investimenti preċedenti tagħhom f'sistemi tal-kejbils sottomarini u l-prossimità tas-sistemi tal-kejbils sottomarini għall-bażijiet militari Ewropej u alleati; jisħaq fuq il-bżonn li lill-fornituri ta' sistemi tal-kejbils, bħall-kumpaniji Ċiniżi, jiġihom impedit li jaqsmu d-data mas-servizzi tal-intelligence bi skopijiet differenti minn dawk relatati mal-protezzjoni tal-infrastruttura minn intrużjonijiet esterni jew attakki malizzjużi; jappella f'dan ir-rigward għal inizjattivi mmirati lejn l-iżvilupp ulterjuri ta' kumpaniji li għandhom sjieda Ewropea jew li huma bbażati fl-Ewropa fil-qasam tas-sistemi tal-kejbils sottomarini;

28. Jissottolinja li r-reazzjonijiet tal-UE jridu jinbnew madwar fehim aqwa tas-sitwazzjoni strateġika rilevanti ċċentrata fuq valutazzjonijiet tat-theddid transpolitiċi u transnazzjonali u studji tal-vulnerabbiltà dwar l-infrastruttura kritika; huwa tal-fehma li approċċ deċentralizzat jew b'lakuni, nieqes minn viżibbiltà u skrutinju ċari fuq proġetti b'sinifikat strateġiku għad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, jista' jagħmel ħsara kbira lill-interessi ġeopolitiċi tal-Unjoni[15]; ifakkar fil-vulnerabbiltajiet marbuta mal-indħil

[15] Id-Dipartiment Tematiku għar-Relazzjonijiet Esterni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni, "Security implications of China-owned critical infrastructure in the European Union" (Implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika li tappartjeni liċ-Ċina fl-Unjoni Ewropea), Ġunju 2023.

barrani, speċifikament fl-ispazju tal-informazzjoni, u l-interazzjoni bejn il-proġetti tal-IDB u l-operazzjonijiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni minn atturi barranin malizzjużi;

***Rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna: insaħħu r-reżiljenza tas-sħab l-aktar stretti tal-UE***

29. Jesprimi tħassib dwar il-penetrazzjoni tar-RPĊ fis-suq tal-UE u fil-viċinat tagħha f'sens usa'; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE quddiem l-influwenza Ċiniża, inkluż it-tnaqqis tar-riskju, id-diversifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi, jiġu estiżi anki għas-sħab l-aktar stretti tal-UE, b'mod partikolari għall-pajjiżi fil-fażi ta' adeżjoni u għal dawk li huma parti mill-politika tal-viċinat tal-UE;

30. Ifakkar li l-forzi navali tar-RPĊ għandhom mezzi u strumenti ġuridiċi biex jiżguraw li l-bastimenti u l-infrastrutturi ċivili Ċiniżi jkunu jistgħu jintużaw għal skopijiet militari u tas-sigurtà; iqis li ċ-Ċina tista' tuża l-infrastruttura kummerċjali ċivili tagħha biex issostni l-preżenza tal-Armata Popolari ta' Liberazzjoni fil-pajjiżi terzi; iwissi bil-fatt li l-fużjoni ċivili-militari tagħti lill-Armata Popolari ta' Liberazzjoni l-aċċess għall-portijiet barranin, u tippermettilha tagħmel prepożizzjonament tal-appoġġ loġistiku biex issostni l-iskjeramenti navali sal-Oċean Indjan, sal-Baħar Mediterran u sal-Oċean Atlantiku; jissottolinja li r-riskji ta' spjunaġġ huma ogħla meta l-attivitajiet kummerċjali ċivili Ċiniżi jkunu jinsabu f'ċentri loġistiċi qrib il-bażijiet navali tal-UE u tan-NATO jew fl-operaturi portwarji li ffirmaw ftehimiet biex ifornu appoġġ loġistiku lill-kumpaniji Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod urġenti l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fl-infrastruttura kritika, b'mod partikolari dawk b'funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-UE u n-NATO jridu jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw pjan fit-tul kontra l-istrateġija ta' fużjoni militari-ċivili taċ-Ċina fl-Ewropa u jistieden l-implimentazzjoni sħiħa tar-rapport ta' valutazzjoni finali tat-task force UE-NATO[16];

31. Jinnota li l-portijiet huma portali għad-dinja u bħala tali jiżvolġu rwol kruċjali fl-ekonomija tal-UE; jinnota bi tħassib li l-entitajiet bi sjieda Ċiniża jew dawk ikkontrollati miċ-Ċina żiedu b'mod strateġiku l-ishma tagħhom fil-portijiet u fl-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali miċ-Ċina u reġimi oħra; ifakkar ukoll li r-RPĊ tipproġetta l-poter tagħha 'il barra mill-pajjiż billi tuża network ta' portijiet kummerċjali u faċilitajiet b'użu doppju li jipprovdu appoġġ loġistiku u ta' intelligence lill-flotta navali Ċiniża; jinnota li fl-2022, il-kumpaniji Ċiniżi kienu s-sidien ta' jew kienu joperaw terminals f'96 port f'53 pajjiż; jinnota barra minn hekk li f'mill-inqas disa' portijiet, li tnejn minnhom jinsabu fl-Ewropa, il-bastimenti tal-gwerra tal-Flotta Navali tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu (PLAN) għaddew minn tiswijiet jew manutenzjoni sinifikanti għall-bastimenti u t-tagħmir; jirrimarka li ż-żjarat navali jiżvelaw oqsma ta' influwenza,

[16] Il-Kummissjoni Ewropea, EU-NATO Task Force on the resilience of critical infrastructure: Final assessment report(Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika: Rapport ta' valutazzjoni finali), Ġunju 2023.

żoni operattivi prijoritizzati, objettivi ta' ġbir ta' intelligence u prijoritajiet ta' kooperazzjoni;

32. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ ġeopolitiku għall-kooperazzjoni globali dwar l-infrastruttura kritika sabiex l-UE tiffaċċja b'suċċess l-isfidi l-ġodda tas-sigurtà; jinnota li terz tal-infrastrutturi Afrikani kollha mibnija mill-2010, inkluż madwar 50 % tan-networks 3G fl-Afrika u 70 % tan-networks 4G tagħha, ġew iffinanzjati u mibnija minn intrapriżi tal-istat Ċiniżi; jissottolinja li, matul l-aħħar 20 sena, iċ-Ċina żiedet l-impenji kummerċjali, ta' investiment u ta' self tagħha b'USD 160 biljun mal-Gvernijiet Afrikani u mal-intrapriżi tal-istat tagħhom b'obbligi kuntrattwali skarsi jew opaki, b'mod predominanti fit-trasport, il-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-estrazzjoni u t-telekomunikazzjoni; jenfasizza b'mod partikolari l-fatt li kumpanija tat-telekomunikazzjoni Ċiniża waħda bniet sa 70 % tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni fl-Afrika, kif ukoll ir-rwol tal-kumpaniji Ċiniżi fil-finanzjament, il-bini, l-espansjoni u r-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 14-il network tat-telekomunikazzjoni intergovernattiv Afrikan ta' natura sensittiva; jesprimi tħassib li l-mudell Ċiniż huwa attraenti b'mod ċar għal ħafna pajjiżi li ma jistgħux jew mhumiex lesti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE għall-aċċess għal livelli ekwivalenti ta' finanzjament, u b'hekk jespandi l-influwenza Ċiniża għad-detriment tas-sħubijiet tal-UE u jiskatta riskji ta' dejn mhux sostenibbli għal dawn il-pajjiżi, li jagħmel ħsara lill-iżvilupp fit-tul tagħhom għad-detriment tal-popolazzjoni lokali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi, inkluż billi jattiraw investimenti mis-settur privat, biex jimplimentaw il-Pakkett ta' Investiment tal-Global Gateway b'valur totali ta' EUR 150 biljun, maqbul fis-sitt Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fi Frar 2022; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jimplimentaw malajr proġetti, speċjalment proġetti fanal, taħt l-inizjattiva;

33. Jissottolinja bi tħassib l-istrateġija tar-RPĊ maħsuba biex tibni "bażi ta' kooperazzjoni għall-ekonomija blu" tul il-kosti Afrikani, inkluż permezz tal-bini ta' laneċ tas-sajd u ta' faċilitajiet għat-tiswija tal-bastimenti, li jkunu jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet militari; jenfasizza li hemm nuqqas ġenerali ta' dettalji u ta' trasparenza rigward dawn il-ftehimiet u dawn il-liċenzji mal-pajjiżi Afrikani; jevidenzja l-konsegwenzi ġeopolitiċi potenzjali għall-UE, speċjalment fil-pajjiżi terzi li fihom l-UE hija impenjata;

°

° °

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Iċ-Ċina qed tikseb dejjem aktar aċċess għal u teżerċita influwenza fuq l-infrastruttura u s-setturi Ewropej ta' importanza vitali għall-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport jindirizza l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-influwenza taċ-Ċina fuq l-infrastruttura kritika fl-UE. Dan jiddeskrivi l-pekuljaritajiet tas-sistema soċjopolitika taċ-Ċina u b'mod partikolari l-istrateġija tagħha ta' fużjoni militari-ċivili (MFC), li fiha l-kumpaniji Ċiniżi u l-attivitajiet internazzjonali tagħhom huma espansjoni tal-Partit Komunista Ċiniż, li għandu l-għan li jżid id-dominanza tiegħu f'pajjiżi barranin biex tinkiseb dominanza ġeopolitika.

Ir-rapport jidentifika tħassib speċifiku tal-istrateġija ta' fużjoni militari-ċivili taċ-Ċina mmirata lejn it-trasferiment tat-teknoloġija, u b'mod partikolari jwissi dwar il-vulnerabbiltajiet tal-UE li jirriżultaw mill-monopolju taċ-Ċina ta' diversi teknoloġiji ewlenin u materja prima kritika. Għalhekk, jirrakkomanda l-ħtieġa tal-UE li tnaqqas id-dipendenzi esterni tagħha u żżid id-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tagħha u li tiżviluppa strateġiji kkoordinati biex timmappja l-infrastruttura kritika madwar l-UE, tidentifika u tivvaluta r-riskji potenzjali ta' interferenza barranija malizzjuża u timplimenta miżuri biex tipprevjeni jew timminimizza kwalunkwe theddida għas-sigurtà tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rapport jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ il-qafas regolatorju fir-rigward tal-iskrinjar tal-investimenti kemm deħlin kif ukoll ħerġin, filwaqt li jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat li jissalvagwardja l-interessi tas-sigurtà tal-UE u fl-istess ħin jippreserva l-kompetittività Ewropea.

## ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| Trans European Policy Studies Association (TEPSA) |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur.

24.10.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-influwenza taċ-Ċina fuq l-infrastruttura kritika fl-Unjoni Ewropea
(2023/2072(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Iuliu Winkler

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li, fl-2022, iċ-Ċina kienet it-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE f'termini ta' merkanzija; jesprimi tħassib dwar ir-relazzjoni dejjem aktar żbilanċjata bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti, li hija aċċentwata mid-defiċit kummerċjali rekord tal-UE ta' EUR 396 biljun fl-2022 u d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet u l-investimenti Ċiniżi f'ċerti setturi kritiċi; jenfasizza l-politika kummerċjali internazzjonali żbilanċjata taċ-Ċina fil-kuntest tal-istrateġija ta' ċirkolazzjoni doppja tagħha; jitlob lill-Kummissjoni tqajjem it-tħassib tal-UE maċ-Ċina dwar il-prattiki kummerċjali ġestiti tagħha;

2. Huwa konxju mill-fatt li l-klassi medja Ċiniża, li qed tikber u diġà hija akbar mill-popolazzjoni kollha tal-UE u li għandha l-immaġni pożittiva tal-prodotti li joriġinaw mill-UE, kienet kruċjali għas-suċċess tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn iċ-Ċina, li l-valur ikkombinat tagħhom qabeż l-ammont ta' EUR 230 biljun fl-2022;

3. Jinnota li ċ-Ċina kienet is-seba' l-akbar investitur fl-UE fl-2021 u li l-investimenti Ċiniżi fl-Ewropa komplew jonqsu fl-2022, u laħqu l-aktar livell baxx ta' EUR 7.9 biljun fuq 10 snin, wara xejra differenti mill-irkupru globali fil-flussi tal-investiment dirett barrani (FDI) osservat fl-2021; jinnota l-bidla fl-FDI Ċiniż minn fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet lejn investimenti greenfield, li laħqu l-ogħla livell f'dawn l-aħħar 10 snin, inkluż fit-teknoloġija tal-batteriji, li hija settur ewlieni għat-tranżizzjoni ekoloġika[17]; jinnota li, skont evalwazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2000-2020, l-FDI Ċiniż inbidel ukoll u qed ikun dirett lejn oqsma strateġiċi bħat-trasport u l-infrastruttura, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-enerġija; jilqa' investiment Ċiniż mingħajr distorsjoni sakemm dan ma jagħmilx ħsara lis-sigurtà jew

[17] Rhodium Group, "Chinese FDI in Europe: 2022 Update" (FDI Ċiniż: Aġġornament tal-2022), id-9 ta' Mejju 2023.

lill-ordni pubbliku; jenfasizza li, fl-istess ħin, irid jiġi segwit skrinjar adegwat tal-investiment;

4. Jirrimarka li s-sistema politika fiċ-Ċina tipprevedi investituri bbażati fuq taħlita ta' atturi privati u statali jew ta' intrapriżi tal-Istat, marbuta mill-qrib mal-partit fil-gvern, u għalhekk iġġib ambigwità rigward l-interess li qed jinħeba wara l-investimenti tagħhom fl-infrastruttura kritika ta' pajjiżi terzi;

5. Jirrikonoxxi l-konklużjonijiet dwar iċ-Ċina adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2009, huwa konvint bl-istess mod li r-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment hija ta' importanza strateġika, għandha sfidi strateġiċi u għandha tkun ġusta, trasparenti, sostenibbli, reċiproka, ibbilanċjata u bbażata fuq ir-regoli mal-ftehimiet internazzjonali dwar ix-xogħol u l-ambjent fil-qalba tagħha, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll taħt is-sistema kummerċjali multilaterali; jinnota li ċ-Ċina għandha tappoġġja riforma ambizzjuża tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'dan il-kuntest;

6. Jiddispjaċih li dan mhuwiex il-każ illum, meta wieħed iqis, b'mod partikolari, in-nuqqas li ilu jeżisti ta' reċiproċità minħabba l-prattiki tal-Gvern Ċiniż u tal-kumpaniji li jikkontrolla; jemmen li s-sett ta' għodod kummerċjali tal-UE, b'miżuri awtonomi bħall-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, l-iskrinjar tal-FDI, l-istrumenti tal-akkwist internazzjonali u tas-sussidji barranin, ir-Regolament dwar l-Infurzar[18], l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-istrument kontra l-koerċizzjoni kif ukoll l-istrateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika, huwa ta' importanza kbira fir-rigward tas-sjieda barranija tal-infrastruttura kritika tal-UE, il-kontroll tagħha jew l-aċċess għaliha; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ tali miżuri sabiex tindirizza r-relazzjoni żbilanċjata fil-qasam tal-kummerċjali u tal-investiment u timmitiga l-vulnerabbiltajiet tal-UE; jinnota li l-investimenti Ċiniżi fl-UE għandhom ikunu konformi mad-dritt tal-UE u dak nazzjonali; jitlob li l-UE tieħu azzjoni b'saħħitha kontra r-regolamenti Ċiniżi inġusti li jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment;

7. Jenfasizza li l-kummerċ u l-investimenti għandhom ikunu muturi krucjali tat-tkabbir sostenibbli, tal-ħolqien tal-impjiegi u tal-innovazzjoni u li l-UE għandha għaldaqstant iżżomm il-ftuħ ekonomiku tagħha[19]; jisħaq, madankollu, li jrid jinstab bilanċ strateġiku bejn, minn naħa waħda, il-karattru miftuħ tas-suq uniku tal-UE u l-attrazzjoni tiegħu għall-investituri, u, min-naħa l-oħra, id-difiża tal-infrastruttura kritika u l-awtonomija tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà, speċjalment fir-rigward tal-koerċizzjoni ekonomika jew it-theddid għall-integrità tal-infrastruttura kritika tal-UE;

8. Jirrikonoxxi l-fatt li, f'ċerti każijiet, il-kummerċ u l-investimenti barranin jistgħu joħolqu vulnerabbiltajiet fil-qasam tas-sigurtà, anki fir-rigward tas-sjieda barranija, tal-kontroll tal-infrastruttura kritika tal-UE minn atturi barranin jew l-aċċess tagħhom

[18] Ir-Regolament (UE) 2021/167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali (ĠU L 49, 12.2.2021, p. 1.).

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021, intitolata "Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" (COM(2021)0066).

għaliha;

9. Jinsab imħasseb dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni assertiva taċ-Ċina mil-lat ġeopolitiku u ekonomiku, li għandu impatt konsiderevoli fuq l-iżviluppi ekonomiċi u politiċi fid-dinja, b'mod partikolari fin-Nofsinhar Globali, permezz tal-Inizjattiva tagħha "Belt and Road" (BRI); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiskrinjaw b'attenzjoni partikolari l-akkwisti ta' infrastrutturi kritiċi miċ-Ċina fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE; jistieden liċ-Ċina żżid it-trasparenza dwar il-proġetti tal-BRI, peress li l-għadd kbir ta' self fil-qafas tal-BRI ma kellux prestazzjoni tajba u sar finanzjarjament mhux vijabbli;

10. Jenfasizza li, bħala sieħeb affidabbli, l-UE għandha timpenja ruħha fuq bażi ugwali mal-pajjiżi sħab, filwaqt li tibni sħubijiet fit-tul li jkunu ta' benefiċċju reċiproku; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiżguraw li l-investimenti tal-UE fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari permezz ta' proġetti tal-Global Gateway, jappoġġjaw dawn il-pajjiżi fit-tranżizzjonijiet ġusti u sostenibbli tagħhom stess, filwaqt li jagħtu benefiċċji fuq il-post f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali dwar il-klima, il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE u d-dritt umanitarju internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem;

11. Jilqa' l-approċċ il-ġdid ta' "tneħħija tar-riskji" fl-istrateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika[20] proposta tal-20 ta' Ġunju 2023, li għandha l-għan li timmassimizza l-benefiċċji tal-ftuħ ekonomiku tal-UE u li tipproteġi, tippromwovi u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, filwaqt li timminimizza r-riskji li jirriżultaw mid-dipendenzi ekonomiċi u l-istrumentalizzazzjoni possibbli tagħhom, u l-kontroll barrani tal-infrastruttura kritika jew l-influwenza fuqha; jilqa' l-fatt li l-istrateġija tirrikonoxxi espliċitament li r-riskji għas-sigurtà fiżika u ċibernetika tal-infrastruttura kritika jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet kritiċi għall-ekonomiji Ewropej fil-qasam tas-sigurtà; jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd dejjem akbar ta' negozji bbażati fl-UE li kienu l-mira ta' rikatt, spjunaġġ industrijali, sabotaġġ jew serq ta' data kummerċjali; huwa mħasseb bl-istess mod dwar il-fatt li ċ-Ċina saret it-tieni pajjiż l-aktar frekwenti li minnu joriġinaw dawn l-attakki; huwa konvint li l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika għandha tkun element kruċjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiksbu awtonomija strateġika miftuħa fl-oqsma kollha fejn hemm ir-riskju li l-UE tiddependi wisq fuq iċ-Ċina minħabba l-pożizzjoni dominanti tagħha;

12. Jissottolinja li r-reazzjonijiet tal-UE jridu jinbnew madwar fehim aqwa tas-sitwazzjoni strateġika rilevanti ċċentrata fuq valutazzjonijiet tat-theddid transpolitiċi u transnazzjonali u studji tal-vulnerabbiltà dwar l-infrastruttura kritika; huwa tal-fehma li perċezzjoni deċentralizzata jew b'lakuni, nieqsa minn viżibbiltà u skrutinju ċari fuq proġetti b'sinifikat strateġiku għad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, tista' tagħmel ħsara kbira lill-interessi ġeopolitiċi tal-Unjoni[21]; ifakkar fil-vulnerabbiltajiet marbuta mal-

---

[20] Il-Komunikazzjoni konġunta tal-Kummisjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-20 ta' Ġunju 2023 intitolata "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN(2023)0020).

[21] Id-Dipartiment Tematiku għar-Relazzjonijiet Esterni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni,

indħil barrani, speċifikament fl-ispazju tal-informazzjoni, u l-interazzjoni bejn il-proġetti tal-IDB u l-operazzjonijiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni minn atturi barranin malizzjużi;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-użu ewlieni tal-infrastrutturi tal-UE jiġi ppreservat u protett sabiex jippermetti l-iżvilupp normali tal-attività ekonomika u l-kummerċ tal-UE, b'mod partikolari l-infrastrutturi tat-trasport (portijiet, ajruporti, ferroviji u toroq), tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament b#mod perjodu dwar:

(a) l-identifikazzjoni tal-użu doppju possibbli ta' infrastrutturi strateġiċi li jipprovdu appoġġ loġistiku u ta' intelligence liċ-Ċina;

(b) ir-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni kummerċjali tal-UE, speċjalment fir-rigward tad-diliġenza dovuta, il-ġlieda kontra l-koerċizzjoni u l-oġġetti magħmula b'xogħol furzat li jidħlu fis-suq tal-UE;

14. Jistieden lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, tfassal mekkaniżmu ta' rispons rapidu għall-identifikazzjoni tal-użu doppju, jew l-użu ħażin, ta' infrastrutturi fl-UE taħt is-sjieda, il-parteċipazzjoni jew il-konċessjoni Ċiniża, li jistgħu jintużaw biex jintemmu d-drittijiet ta' konċessjoni u/jew tiġi sospiża l-kapaċità tad-dominju fil-każijiet ta' sjieda u parteċipazzjoni;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u liċ-Ċina jesploraw modi koordinati biex jagħtu spinta lill-kummerċ u l-investiment, bl-għan li ċ-Ċina allinja ruħha aktar mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mad-dispożizzjonijiet kummerċjali internazzjonali u multilaterali;

16. Ifakkar li r-Regolament dwar l-iskrinjar tal-FDI[22] jindirizza r-riskji għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku li jirriżultaw mill-investimenti li jkunu ġejjin minn barra l-UE; josserva li l-infrastruttura kritika hija fost il-fatturi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jqisu meta jiddeterminaw jekk investiment x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku. itenni l-valur miżjud ewlieni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar bħala għodda pertinenti li tagħti lill-UE u lill-Istati Membri ħarsa ġenerali strateġika aħjar u għarfien aqwa tas-sitwazzjoni tax-xejriet, il-miri, il-mezzi u l-metodi użati minn atturi barranin biex iżidu l-influwenza ekonomika u politika tagħhom; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li mhux l-Istati Membri kollha għandhom fis-seħħ jew jużaw mekkaniżmi għall-iskrinjar tal-investiment barrani fl-infrastruttura kritika;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi kif iżżid l-impatt tal-opinjonijiet tagħha dwar l-iskrinjar tal-FDI, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq uniku u ġirja lejn l-aktar livell baxx fost l-Istati Membri, u sabiex jiġu adatti għall-kuntest globali attwali ta' sigurtà ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jżidu l-armonizzazzjoni, anki billi jibnu għarfien espert xieraq, u biex jimplimentaw bis-sħiħ il-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-IDB; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni lill-investimenti minn kumpaniji mhux tal-UE u lill-influwenza politika tagħhom, li jistgħu

---

"Security implications of China-owned critical infrastructure in the European Union" (Implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika li tappartjeni liċ-Ċina fl-Unjoni Ewropea), Ġunju 2023.
[22] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1).

jkunu kkontrollati miċ-Ċina; jemmen li huwa possibbli u neċessarju li r-Regolament jissaħħaħ fir-rieżami li jmiss tiegħu fi tmiem is-sena; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ambizzjuża dwar Regolament rivedut li tindirizza l-lakuni kollha li ħarġu matul l-implimentazzjoni tiegħu, u tevalwa malajr il-possibbiltà ta' proposta leġiżlattiva dwar mekkaniżmu ta' skrinjar għall-investimenti ħerġin; jirrakkomanda l-bini tal-mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investiment ħerġin propost fuq valutazzjoni tal-impatt li tinkludi konsultazzjoni xierqa man-negozji biex tiġi minimizzata kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea;

18. Jenfasizza r-rwol tal-UE bħala promotur ta' proġetti ta' infrastruttura ta' kwalità lil hinn minnha, permezz ta' inizjattivi bħall-Global Gateway jew is-Sħubija tal-G7 għall-Infrastruttura u l-Investiment Globali; jissottolinja l-ħtieġa tal-UE li tikkonkretizza ir-retorika tagħha dwar proġetti ta' infrastruttura internazzjonali, ibbażata fuq il-valuri u mmexxija mis-sostenibbiltà, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol ġeostrateġiku vitali li tali programmi jista' jkollhom fil-livell ta' diversifikazzjoni, reżiljenza tal-katina tal-provvista, stabbiliment ta' standards u allinjament regolatorju;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE, b'mod partikolari billi jibnu ktajjen tal-provvista diversifikati, siguri u reżiljenti u billi jżidu l-azzjonijiet tagħha f'oqsma ewlenin bħar-riċerka u l-iżvilupp, it-teknoloġiji mill-aktar avvanzati, il-materja prima kritika, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u l-infrastrutturi ġodda;

20. Jargumenta li qasam ewlieni tal-infrastruttura kritika tal-UE huwa n-network tagħha ta' istituti ta' riċerka u faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom rwol importanti fil-kapaċità tal-UE li twettaq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha, flimkien ma' setturi ewlenin bħad-difiża spazjali; ifakkar fil-vulnerabbiltajiet fil-qasam tas-sigurtà marbuta mat-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, is-serq tal-proprjetà intellettwali u l-iżvelar tal-għarfien, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha; jitlob li jkun hemm aktar viġilanza meta jitqies theddid bħal dan għall-kapaċità tal-UE li tkun innovattiva u li trawwem it-tkabbir;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal azzjonijiet biex tnaqqas ir-riskji għas-sigurtà tal-UE stess u tiżviluppa reżiljenza interna billi ssaħħaħ is-sigurtà u l-integrità tal-infrastrutturi kritiċi, il-ktajjen tal-provvista u l-bażi teknoloġika tagħha, b'mod partikolari n-networks 5G u 6G, li kollha huma essenzjali għall-funzjonament normali tal-attività ekonomika u kummerċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrevedu s-sett ta' għodod li jiddisponu minnhom għas-sigurtà tan-networks;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jtemmu kwalunkwe finanzjament għar-riċerka lil kumpaniji Ċiniżi li huma attivi f'oqsma ta' importanza kritika u strateġika għall-UE, bħat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u jillimitaw kemm jista' jkun ir-riskji relatati mal-użu ta' tagħmir Ċiniż mill-operaturi magħżula;

23. Jistieden liċ-Ċina tistabbilixxi u timplimenta governanza diġitali responsabbli, b'rispett għad-drittijiet tal-privatezza, il-libertà tal-espressjoni u l-istat tad-dritt fil-politiki ta' governanza diġitali tagħha, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-

istandards multilaterali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta oqsma oħra f’riskju bħas-semikondutturi, il-computing kwantistiku, il-blockchains, l-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali u l-bijoteknoloġiji, u tikkunsidra leġiżlazzjoni jew għodod biex tipprovdi aktar protezzjoni kontra software malizzjuż u spjunaġġ ċibernetiku;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi mal-Parlament, qabel tmiem din il-leġiżlatura, analiżi dettaljata tar-riskji kummerċjali marbuta ma’ teknoloġiji bħas-semikondutturi, il-computing kwantistiku, il-blockchains, l-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali u l-bijoteknoloġiji u l-ħtieġa possibbli għal azzjoni tal-UE f’dawn l-oqsma.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna-Michelle Asimakopoulou, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Raphaël Glucksmann, Danuta Maria Hübner, Miapetra Kumpula-Natri, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Sara Matthieu, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Sven Simon, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Reinhard Bütikofer, Marco Campomenosi, José Manuel García-Margallo y Marfil, Svenja Hahn, Seán Kelly, Javier Moreno Sánchez, Urmas Paet, Pedro Silva Pereira |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Dacian Cioloş |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 27 | + |
|---|---|
| ECR | Jan Zahradil |
| ID | Marco Campomenosi, Danilo Oscar Lancini |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Seán Kelly, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Jordi Cañas, Dacian Cioloş, Svenja Hahn, Urmas Paet, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Raphaël Glucksmann, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Kathleen Van Brempt |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Sara Matthieu |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 1 | 0 |
|---|---|
| The Left | Helmut Scholz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 49<br>–: 4<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Pedro Marques, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Kostas Papadakis, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Vladimír Bilčík, Jakop G. Dalunde, Christophe Grudler, Anja Haga, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos, Mick Wallace, Elena Yoncheva, Milan Zver |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clare Daly, Mónica Silvana González, Miguel Urbán Crespo |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 49 | + |
|---|---|
| ECR | Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski |
| ID | Jean-Lin Lacapelle, Bernhard Zimniok |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Anja Haga, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Željana Zovko, Milan Zver |
| Renew | Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, María Soraya Rodríguez Ramos, Salima Yenbou |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Elena Yoncheva |
| Verts/ALE | Jakop G. Dalunde, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz |

| 4 | - |
|---|---|
| NI | Kostas Papadakis |
| The Left | Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Mick Wallace |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Charlie Weimers |

Tifsira tas-simboli użati:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni